TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 55/14-F

**Emanuel Aquilina**

**vs**

**Kurt G. Pace – Architectural Designers**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elf, mija u tmenin ewro (€1,180), rappreżentanti danni li sofra minħabba l-fatt illi ħallas għal xogħol li ma sarx.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jagħmillu xogħol ta' tikħil u li ħallas ammont sostanzjali ta' elfejn ewro (€2,000) depożitu, għat-tikħil u tibjid tal-faċċata u minkejja li kien se jibda x-xogħol u bagħatlu bniedem Niġerjan biex jagħmel ix-xogħol, ir-rikorrenti irrifjuta li jkompli għax ħass li ma kienx ikkwalifikat u ma reġax tfaċċa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ, u msejjaħ tliet darbiet, m'attendiex għas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi ma kienx hemm kontestazzjoni *da parte* tas-soċjeta' intimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mija u tmenin ewro (€1,180), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888